MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 370/2013

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 13 ta' Marzu 2014**

Rikors Nru.  370/13RGM

Kawza fil-lista:  28

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tad-19 ta' Lulju 2013 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Frar ta' l-elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett (3) itfal, illum lkoll maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005);

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur it-tfal stante illi fid-data tas-separazzjoni, kien l-izghar wild biss illi kien ghadu minorenni u ma kienx hemm l-obbligu tal-manteniment impost mill-Onorabbli Qorti, stante l-fatt illi l-istess wild kellu impjieg;

Illi skont l-istess sentenza tal-Qorti, ir-rikorrenti gie ordnat ihallas is-somma ta' erbghin Liri Maltin (LM40) ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17) fil-gimgha bhala manteniment ghal martu, l-intimata. F'dan l-istadju l-manteniment qieghed jithallas regolarment u m'hemmx arretrati ta' manteniment favur il-mara;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn seba' (7) sena separati legalment, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fil-11 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha esponiet is-segwenti:

Illi hija tikkonferma li hija kienet izzewget lir-rikorrent tal-1 ta' Frar 1981 minn liema zwieg kellhom tlett itfal li llum huma maggorenni, u li l-kontendenti sseparaw legalment minn xulxin permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2005, li ma gietx appellata.

Illi bis-sentenza msemmija fil-kawza 1913/2001 kienet intlaqghet it-tielet talba attrici ghall-hlas ta' manteniment favur l-esponenti, b'dan li l-Qorti ordnat lil A B ihallas lil martu Lm40 fil-gimgha f'pagamenti ta' gimghatejn bil-quddiem fir-residenza tal-esponenti, b'dan li tali manteniment kellu joghla kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Illi A B kien ihallas il-manteniment ordnat izda f'gheluq is-sena huwa m'awmentax il-manteniment skont l-gholi tal-hajja. Wara diversi talbiet u sahansitra rapport mal-pulizija, A B accetta li jgholli skont l-gholi tal-hajja bejn 1-2005 u 1-2006, izda tali awment beda jinghadda mill-2008, meta dahal l-Ewro, fejn beda jhallas €191.94 kull gimghatejn b'cheques.

Illi fl-2008 kien diga' dovut isir awment iehor, izda mhux talli A B baqa' jhallas €191.94 biss ghal dik is-sena talli baqa' jhallas dan l-amrnont propjru sal-lum. L-esponenti baghtet ittri legali u ghamlet diversi rapporti mal-pulizija dwar dan, izda b'mod jew iehor A B baqa' qatt ma hallas centezmu izjed fuq l-ammont tal €191.94 kull gimghatejn.

Illi A B qed jaghmel dan b'pika u mhux ghax ghandux minn fejn ihallas: di fatti huwa qed imantni l-partner Russa tieghu kif ukoll lil binha.

Ghaldaqstant, ghalkemm huwa korrett li jinghad li m'hemm ebda prospett ragjonevoli li l-partijiet jirrikonciljaw bejniethom, mhuwiex minnu li "mhemmx arretrati ta' manteniment favur il-mara," u ghalhekk it-talba ghad-divorzju m'ghandhiex tintlaqa'.

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014 l-attur hallas lill-konvenuta l-arretrati tal-manteniment li kienet qed tippretendi.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Frar 1981, u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru 2005;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment wara li sar il-hlas fil-mori tal-kawza.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi prevja li tiddikjara li llum l-eccezzjonijiet imressqa huma solvuti;

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------